**Madwar il-mejda**

Iltqajna ferħana
Nitkellmu bil-kwiet,
Xi daħka u ċajta
Kollox kien barkiet.

Sabiħa int lejla
Li fik tħadditna,
Rajna ħafna mħabba
Li wisq fisdittna.

Għax din hi dil-ħajja
Li tħares 'l bogħod,
Għax issib riġlejha
F'Alla li hu sod.

Ha jiġu l-problemi
Jqumu l-irwiefen,
Imbierek min 'l Kristu
F'qalbu jistieden.

U ħa nitgħallmuha
Il-vera tagħlima,
Ningħaqdu ma' Kristu
Waqt kull damdima.

Miegħu biss għad nirbħu
U nimtlew bil-ferħ,
Għax Hu jaf iħobbna
Fih insibu s-serħ.

Hekk ingħalqet ħuti
Laqgħa ta' fejda,
Bi qlub hekk miftuħa
Madwar il-mejda.

Patri Mario Attard OFM Cap
18 ta' Dicembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.